Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 20 ta' Novembru 2026**
**(OR. en)**

**15479/26**

**CULT 138**
**CULT HERIT 33**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Riżoluzzjonital-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2027-2030 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż ir-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq, approvata mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Novembru 2026.

**ANNESS**

**Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2027-2030**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA, U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID

– il-viżjoni strateġika fit-tul biex il-kultura titqiegħed fil-qalba tal-identità tal-Ewropa deskritta fid-Dikjarazzjoni Konġunta "L-Ewropa għall-Kultura – Il-Kultura għall-Ewropa", maqbula mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea fit-18 ta' Ġunju 2026[1];

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU

– il-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura u r-riżultati miksuba taħthom, li jistabbilixxu l-prijoritajiet politiċi ta' livell għoli u aġenda li tħares 'il quddiem għall-involviment tal-Istati Membri fil-politika kulturali fil-livell tal-Unjoni;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI

– il-valur intrinsiku tal-kultura bħala sors ta' tifsira, ispirazzjoni, innovazzjoni, konnessjoni umana, fehim reċiproku, identità u komunità;

– li d-diversità kulturali u lingwistika tal-Ewropa tifforma patrimonju komuni li għandu jiġi apprezzat, appoġġat u ppreservat għall-benefiċċju ta' kulħadd;

– ir-rwol ċentrali tal-kultura fil-protezzjoni tad-demokrazija u l-promozzjoni tal-valuri Ewropej kif ukoll fit-trawwim tal-paċi, ir-reżiljenza tas-soċjetà, id-djalogu soċjali, l-inklużjoni, il-koeżjoni soċjali u s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni;

[1] C/2026/3440, 25.6.2026

– ir-rwol tal-kultura fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ħtieġa li l-Unjoni timmira li telimina l-inugwaljanzi u tippromwovi l-ugwaljanza fl-attivitajiet kollha tagħha, f'konformità mal-Artikolu 8 TFUE;

– ir-rwol uniku tas-setturi kulturali u kreattivi (CCS) fl-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika billi jiġu inklużi s-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima, f'konformità mal-objettivi tal-Unjoni;

– ir-rwol ċentrali tas-CCS fil-ġenerazzjoni tal-impjiegi madwar l-Unjoni u fl-ixprunar tat-tkabbir, il-kompetittività, l-innovazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli inklużiv;

– l-importanza tal-kultura fir-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni esterni bilaterali u multilaterali tal-UE, u b'mod partikolari s-sħubija tagħha mal-UNESCO u l-Kunsill tal-Ewropa;

FID-DAWL TA'

– il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja kontra l-Ukrajna, inkluż il-qerda mmirata tal-patrimonju kulturali, l-attakki fuq is-CCS tagħha, u l-attakki fuq l-artisti u l-professjonisti kulturali Ukreni;

– l-instabbiltajiet ġeopolitiċi li għaddejjin madwar id-dinja, inkluż f'reġjuni ta' kunflitt, li joħolqu theddid sinifikanti għall-patrimonju kulturali, l-artisti u l-professjonisti kulturali u għandhom impatti estensivi fuqhom;

– l-impatti reali u immedjati tal-kriżi ambjentali u dik klimatika, fuq il-pajsaġġi kulturali u l-patrimonju kulturali u, b'mod aktar ġenerali, fuq is-CCS, bl-Ewropa – il-kontinent li qed jisħon l-aktar malajr fuq il-pjaneta – tesperjenza telf bla preċedent tal-bijodiversità, ċikli dejjem agħar ta' mewġiet ta' sħana, nirien fis-selvaġġ, nixfa, borra qawwija, għargħar, mewġiet ta' sħana tal-baħar u maltempati tar-riħ[2];

[2] Ara: European State of the Climate Report 2025, https://climate.copernicus.eu/esotc/2025

– l-isfidi kontinwi li qed jiffaċċaw id-demokraziji madwar l-Unjoni u globalment, inkluż it-theddid għal-libertà artistika u l-awtonomija tal-istituzzjonijiet kulturali, u l-isforzi kontinwi biex jgħinu fil-koordinazzjoni, il-mobilizzazzjoni, il-komplementarjetà u t-tisħiħ tar-rispons kollettiv tal-Ewropa għal dawn l-isfidi[3];

– żviluppi rapidi fit-teknoloġija diġitali, b'mod partikolari l-intelliġenza artifiċjali (IA), li joħolqu opportunitajiet biex tiġi appoġġata l-prattika kreattiva u jiġi protett u msaħħaħ il-patrimonju kulturali, filwaqt li jqajmu tħassib dwar it-theddid għall-kreattività tal-bniedem, id-diversità kulturali u lingwistika, is-sigurtà tal-impjiegi, iċ-ċibersigurtà, is-sovranità tad-data, ir-remunerazzjoni ġusta u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fis-CCS;

FILWAQT LI JFAKKRU

– fil-Komunikazzjoni "Boxxla Kulturali għall-Ewropa" maħruġa mill-Kummissjoni fit-12 ta' Novembru 2025[4];

– fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026 tat-2 ta' Lulju 2026;

– fir-referenzi politiċi kif jinsabu fl-Anness IV ta' din ir-Riżoluzzjoni;

JAQBLU

– li jappoġġaw it-tisħiħ tal-kooperazzjoni kulturali Ewropea, jippromwovu d-diversità kulturali u lingwistika, u jipprovdu valur miżjud Ewropew, b'kont meħud tal-kuntest kulturali, soċjali, ekonomiku, ta' sigurtà u politiku attwali u b'kont debitu tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

---

[3] Ara it-Tarka Ewropea għad-Demokrazija: It-tisħiħ ta' demokraziji b'saħħithom u reżiljenti

[4] Dok. 15410/25

– dwar l-oqsma ta' attenzjoni li ġejjin għall-perjodu 2027-2030, ispirati mid-direzzjonijiet ewlenin tal-Boxxla Kulturali għall-Ewropa tal-2025:

a) It-tisħiħ tal-valuri Ewropej, id-drittijiet kulturali u l-libertà artistika;

b) L-għoti tas-setgħa lill-artisti u lill-professjonisti kulturali, u l-appoġġ lin-nies u lis-soċjetà;

c) Il-kultura u l-kompetittività, ir-reżiljenza, l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà u l-koeżjoni;

d) Ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali (ICR) u s-sħubijiet.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI

– iqisu, fejn adatt, l-oqsma ta' attenzjoni ta' dan il-Pjan ta' Ħidma fl-iżvilupp tal-politika nazzjonali tagħhom stess fil-kultura u l-opportunitajiet għal kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li jirriżultaw minn dawk l-oqsma.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA

– tħejji rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2027-2030, ibbażat fuq kontributi volontarji mill-Istati Membri tal-UE, sa Ġunju 2030;

– taġġorna regolarment lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2027-2030 u l-azzjonijiet speċifiċi tiegħu, kif xieraq, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu stampa ġenerali tal-progress u r-riżultati, filwaqt li taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura viżibbiltà u aċċessibbiltà xierqa tal-eżiti għas-setturi kulturali u ċ-ċittadini.

I. OQSMA TA' ATTENZJONI

**a) It-tisħiħ tal-valuri Ewropej, id-drittijiet kulturali u l-libertà artistika**

L-iżviluppi soċjali, kulturali u ġeopolitiċi matul il-Pjanijiet ta' Ħidma għall-Kultura preċedenti enfasizzaw ir-rwol strateġiku tal-kultura fil-promozzjoni tal-valuri Ewropej, fit-tisħiħ tad-demokrazija u fil-bini ta' soċjetajiet aktar b'saħħithom u aktar reżiljenti. L-azzjonijiet taħt il-Pjan ta' Ħidma 2027-2030 għandhom isaħħu aktar il-fehim tad-drittijiet kulturali u s-sensibilizzazzjoni dwarhom bħala mod kif jissaħħaħ l-aċċess għall-kultura u l-libertà tal-espressjoni u l-kreazzjoni artistiċi u l-parteċipazzjoni fihom.

L-aċċess għall-kultura u l-parteċipazzjoni fiha jibqgħu pilastri fundamentali tad-drittijiet kulturali kif rikonoxxuti fi strumenti rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem[5]. Il-Pjan ta' Ħidma għandu jappoġġa azzjoni kkoordinata tal-Unjoni biex tiġi promossa l-parteċipazzjoni inklużiva fil-kultura u l-patrimonju kulturali, kemm tanġibbli u intanġibbli, u l-assi kulturali diġitali. L-istituzzjonijiet kulturali, inkluż, fost l-oħrajn, il-libreriji, il-mużewijiet, it-teatri, iċ-ċinema, u siti ta' patrimonju, kif ukoll ambjenti ta' għajxien ta' kwalità għolja jippromwovu l-parteċipazzjoni demokratika u l-impenn ċiviku, filwaqt li jissaħħu ċ-ċentri kulturali u soċjali bbażati fuq il-komunità. Dan hu partikolarment importanti għaż-żgħażagħ u l-persuni akbar fl-età, il-komunitajiet rurali, inkluż dawk fir-reġjun ultraperiferiċi tal-Unjoni, il-persuni b'diżabilità u l-gruppi emarġinati.

[5] Ara pereżempju d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR) u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali.

It-theddid għal-libertà artistika fil-ħafna forom tiegħu jibqa' tħassib ewlieni fis-CCS[6]. Il-partijiet ikkonċernati appellaw għal miżuri b'reazzjoni għal dan it-theddid, inkluż l-iżvilupp ta' indikaturi robusti u monitoraġġ speċifiku għall-pajjiż tal-libertà artistika. Il-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa u l-UNESCO għandha tissaħħaħ biex jiġu appoġġati inizjattivi eżistenti, biex jiġu żviluppati inizjattivi konġunti futuri u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni.

Il-Pjan ta' Ħidma għandu jikkontribwixxi għal sensibilizzazzjoni akbar dwar il-prinċipji u l-valuri integrati fil-patrimonju kulturali tal-Ewropea, li jikkostitwixxi sors kondiviż ta' tifkira, fehim, identità, djalogu, koeżjoni u kreattività.

**b) L-għoti tas-setgħa lill-artisti u lill-professjonisti kulturali u l-appoġġ lin-nies u lis-soċjetà**

Sabiex jiġu protetti l-vijabbiltà u ż-żieda tal-impatt tas-CCS, huwa essenzjali t-tisħiħ tal-istatus, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-mobbiltà transfruntiera tal-artisti u l-professjonisti tas-CCS, filwaqt li jiġu rrispettati r-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, u dan jibqa' prijorità ewlenija għall-politiki kulturali fl-Unjoni. L-artisti u l-professjonisti kulturali għandhom id-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi, ġusti, tajbin għas-saħħa u sikuri, filwaqt li remunerazzjoni ekwa u kundizzjonijiet tax-xogħol adatti jgħinu wkoll biex jiġu sostnuti l-libertà artistika u d-diversità kulturali u lingwistika. L-iffaċilitar tal-mobbiltà madwar l-Ewropa huwa essenzjali biex titrawwem kollaborazzjoni artistika u kreattiva, jiġu appoġġati opportunitajiet ta' żvilupp tal-karriera u tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet kulturali.

---

6 Ara pereżempju r-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026.

Il-Pjan ta' Ħidma 2027-2030 jibni fuq il-ħidma kollettiva tal-Ewropa sal-lum biex jiġi protett l-istatus tal-artisti u tiġi żgurata remunerazzjoni ġusta tal-artisti u tal-professjonisti tas-CCS fil-livell nazzjonali u f'dak reġjonali. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità, għandhom jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet deskritti fir-Rapport tal-2023 tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) "L-istatus u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi", inkluż permezz ta' rendikont u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki. Il-Pjan ta' Ħidma għandu jappoġġa wkoll il-kontribut tal-Kunsill fl-iżvilupp ta' inizjattivi ta' politika futuri f'dan il-qasam, inkluż permezz ta' kontributi f'waqthom għall-Karta tal-Artisti tal-UE[7].

Il-prekarjetà tax-xogħol u d-differenzi bejn il-ġeneri u fir-rappreżentanza għad għandhom impatti negattivi fuq il-benesseri tal-artisti u tal-professjonisti tas-CCS, li għandhom ikomplu jiġu indirizzati matul dan il-perjodu. It-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ għall-artisti u l-professjonisti tas-CCS - inkluż fil-ħiliet u s-snajja' tradizzjonali kif ukoll f'teknoloġiji diġitali ġodda - ser jiżdiedu wkoll fl-importanza hekk kif il-bidliet teknoloġiċi u ekonomiċi jkomplu jħallu impatt fuq is-setturi. Tħassib importanti ieħor jinkludi t-titjib kemm tal-edukazzjoni kulturali kif ukoll dik artistika, il-litteriżmu ċinematografiku u medjatiku, permezz ta' tagħlim formali, mhux formali u informali, bħala parti mit-tagħlim tul il-ħajja.

Barra minn hekk, il-Pjan ta' Ħidma jfittex li jkompli l-kooperazzjoni fil-livell tal-UE fil-qasam tal-kultura u s-saħħa, filwaqt li jrawwem ir-rwol tal-kultura fil-promozzjoni tal-benesseri, il-kwalità tal-ħajja, is-saħħa mentali u soċjali u r-reżiljenza tal-komunità. Filwaqt li tibni fuq ir-rapport tal-2025 tal-MMK "Culture and Health – Time to Act", din il-ħidma ser tappoġġa l-iżvilupp ta' linji gwida tal-UE dwar il-kultura, is-saħħa u l-benesseri[8].

[7] Inizjattiva mill-Kummissjoni taħt il-Boxxla Kulturali għall-Ewropa.
[8] Inizjattiva mill-Kummissjoni taħt il-Boxxla Kulturali għall-Ewropa.

**c) Il-kultura, il-kompetittività, ir-reżiljenza, l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà u l-koeżjoni**

Is-CCS tal-Ewropa huwa vitali għall-kompetittività, l-impjiegi u l-innovazzjoni tal-Unjoni. Madankollu, jiffaċċaw sfidi ekonomiċi u teknoloġiċi mingħajr preċedent. Fi żmien ta' inċertezza ekonomika sinifikanti, inflazzjoni u pressjoni fuq il-baġits nazzjonali, il-Pjan ta' Ħidma 2027-2030 għandu jippromwovi investiment strateġiku fis-CSS. Flimkien mal-integrazzjoni tal-kultura fil-finanzjament pubbliku, inkluż il-mekkaniżmi ta' finanzjament tal-Unjoni, tista' ssir enfasi partikolari fuq approċċi ta' finanzjament innovattivi, inkluż il-filantropija, is-sħubijiet pubbliċi-privati, u mekkaniżmi oħra biex jiġi sfruttat il-kapital privat. L-appoġġ għall-iżvilupp u l-iskambju tal-aħjar prattiki f'għodod ta' finanzjament innovattivi u l-involviment ta' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati f'territorji differenti, inkluż reġjuni b'kapaċità limitata u reġjuni ultraperiferiċi, ser ikunu importanti biex titqajjem kuxjenza dwar l-opportunitajiet u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni. L-investiment sostenibbli u prevedibbli fil-kultura jibqa' essenzjali għas-salvagwardja tad-diversità kulturali u lingwistika, il-patrimonju kulturali, il-libertà artistika u r-reżiljenza fit-tul tas-CCS.

Matul il-perjodu 2027-2030, l-Ewropa trid taħdem biex tindirizza l-impatt tal-IA, b'mod partikolari l-IA ġenerattiva, fuq is-CCS, filwaqt li tibbilanċja l-opportunitajiet tagħha ma' theddid potenzjali. Dawn jinkludu l-impatti fuq il-kreattività tal-bniedem, l-impjiegi, ir-remunerazzjoni ġusta, il-mudelli tan-negozju, il-kompetittività, l-użu tad-data, id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, it-trasparenza, l-aċċessibbiltà, l-iskopribbiltà, id-diversità lingwistika u l-prominenza tal-kontenut Ewropew. L-indirizzar ta' dawn l-impatti jitlob modernizzazzjoni tal-infrastruttura tad-drittijiet tal-awtur[9]. L-iskambju kontinwu fost l-Istati Membri, appoġġat minn djalogi ta' politika, attivitajiet ta' prospettiva strateġika u involviment tal-partijiet ikkonċernati, ser ikun essenzjali biex jiġu mmonitorjati l-iżviluppi f'dan il-qasam li qed jiżviluppa b'mod rapidu, jiġu identifikati risponsi ta' politika xierqa u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-ħidma mwettqa f'korpi preparatorji oħra tal-Kunsill, filwaqt li jiġu rispettati oqsma ta' għarfien espert u kompetenzi. L-istrateġija ppjanata tal-IA għas-CCS[10] ser tiġi infurmata permezz ta' konsultazzjoni mal-Istati Membri.

---

[9] L-infrastruttura tad-drittijiet tal-awtur għandha tinftiehem bħala "s-sett ta' regoli, teknoloġiji u istituzzjonijiet li jinkwadraw il-prattiki tal-ġestjoni tad-data fl-industriji kreattivi".

[10] Inizjattiva mill-Kummissjoni fil-qafas tal-Boxxla Kulturali għall-Ewropa, li tibni fuq l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA.

Hija meħtieġa aktar azzjoni koordinata biex jittejbu d-disponibbiltà u l-komparabbiltà tad-data kulturali Ewropea, filwaqt li jittejbu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatt ekonomiku, ambjentali u soċjali tas-CCS fuq l-ekonomija u s-soċjetà usa'. Il-Pjan ta' Ħidma għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp taċ-Ċentru tad-Data Kulturali tal-UE previst[11].

L-impatt kontinwu tal-kriżi klimatika fuq is-setturi tal-kultura u tal-patrimonju tal-Ewropa, kif ukoll kunflitti u kriżijiet oħra li għaddejjin ta' natura kkawżata mill-bniedem, jeħtieġu wkoll rispons. Il-kultura u l-patrimonju kulturali għandhom jibqgħu jiġu riflessi b'mod xieraq fl-istrateġiji rilevanti u fil-kooperazzjoni transsettorjali skont l-approċċ tal-Unjoni għall-preparatezza, inkluż il-Komunikazzjoni Konġunta dwar Strateġija għal Unjoni tal-Preparatezza. Fl-istess ħin, il-Pjan ta' Ħidma għandu jsaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-preparatezza għar-riskji u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tagħhom, l-adattament għat-tibdil fil-klima fuq terminu medju u twil u r-rispons ta' emerġenza tas-CCS, kif ukoll ir-restawr u l-irkupru tal-patrimonju kulturali. Għandu javvanza l-użu tad-diġitalizzazzjoni biex tippreserva l-kultura u l-patrimonju, inkluż l-arkivji awdjoviżivi.

L-appoġġ għall-preservazzjoni, il-konservazzjoni, ir-restawr u l-promozzjoni tal-patrimonju kulturali tanġibbli u intanġibbli, inkluż il-patrimonju kulturali ta' taħt l-ilma, jibqa' essenzjali għat-trawwim tal-identità kondiviża, il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli Ewropej. L-isforzi biex jiġi miġġieled it-traffikar illeċitu ta' beni kulturali u biex il-patrimonju kulturali jiġi protett mill-qerda kkawżata minn diżastri naturali, it-tibdil fil-klima, il-kunflitt, is-serq minn istituzzjonijiet kulturali u l-intervent tal-bniedem jeħtieġu kooperazzjoni kontinwa, kondiviżjoni tal-għarfien u integrazzjoni f'risposni u miżuri ta' preparatezza usa' għal kunflitti u kriżijiet.

[11] Inizjattiva mill-Kummissjoni taħt il-Boxxla Kulturali għall-Ewropa.

Is-CCS għandu jiġi mħeġġeġ fl-isforzi tiegħu biex ikompli t-tranżizzjoni ekoloġika tiegħu u jżid is-sostenibbiltà, inkluż permezz ta' infrastruttura reżiljenti għat-tibdil fil-klima, proċessi ta' produzzjoni sostenibbli, u tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-kwalità tal-ambjent mibni u lir-rwol tas-settur arkitettoniku fil-kisba tagħha, f'konformità mal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida[12]. Is-CCS għandu jiġi rikonoxxut ukoll bħala mutur tal-bidla, li jgħin fil-promozzjoni tar-responsabbiltà u s-sostenibbiltà ambjentali. F'dan il-kuntest, il-Pjan ta' Ħidma għandu jibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-2025 tal-MMK "*Creative Shifts: Empowering culture for sustainable living"*.

Barra minn hekk, il-Pjan ta' Ħidma għandu jrawwem il-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp tal-politika f'ċerti sottosetturi kulturali u kreattivi bħas-settur awdjoviżiv (inkluż il-films, it-televiżjoni, il-logħob vidjo u l-multimedia), is-settur tal-mużika, is-settur tal-libreriji, is-settur tal-pubblikazzjoni u tal-kotba, is-setturi tal-moda u d-disinn kreattivi, l-arkitettura u l-patrimonju kulturali, bil-ħsieb li jissaħħu l-kompetittività, ir-reżiljenza, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà.

[12] F'konformità wkoll mal-ħidma tal-grupp tal-MMK ta' esperti tal-Istati Membri dwar l-investiment f'arkitettura u ambjent tal-għajxien ta' kwalità għolja għal kulħadd (2021).

**d) Ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali (ICR) u s-sħubijiet**

Il-Pjan ta' Ħidma għandu jiffoka fuq ir-rwol tal-kultura fl-azzjoni esterna u d-diplomazija tal-Unjoni, filwaqt li jibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-MMK dwar il-Governanza tal-ICR "*'From soft power to Deep Power: EU Governance of ICR in a Changing World".* L-azzjonijiet taħt il-Pjan ta' Ħidma għandhom jappoġġaw approċċ koerenti għall-ICR u jiżguraw l-involviment tal-Istati Membri fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' approċċ strateġiku tal-UE lejn l-ICR.

Ħidma akbar mal-Kunsill tal-Ewropa, il-UNESCO u sħab multilaterali rilevanti oħra tista' trawwem il-kooperazzjoni u tevita d-duplikazzjoni tal-ħidma fuq prijoritajiet komuni. Fid-dawl tal-instabbiltajiet ġeopolitiċi li għaddejjin bħalissa, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-kultura u tal-patrimonju kulturali fir-reġjuni milquta mill-kunflitti. Hekk kif l-attakki mmirati fuq il-patrimonju kulturali, l-infrastruttura kreattiva u l-artisti jkomplu fl-Ukrajna u l-kunflitti fi bnadi oħra jkomplu jaffettwaw il-ħajja kulturali, l-Istati Membri għandhom iżommu rispons koordinat, f'koerenza ma' inizjattivi bħall-Approċċ ta' Tim Ewropa (TEA) għall-Patrimonju Kulturali fl-Ukrajna u miżuri rilevanti oħra[13].

Id-Dokument ta' Eżitu MONDIACULT 2025 jipprovdi pjan ċar għal azzjoni globali kollettiva biex jiġi promoss ir-rwol tal-kultura fl-iżvilupp sostenibbli u biex tissawwar l-aġenda għall-iżvilupp ta' wara l-2030. L-azzjonijiet taħt il-Pjan ta' Ħidma għandhom jappoġġaw din il-viżjoni u jiżviluppaw kontributi kondiviżi għal diskussjonijiet rilevanti sabiex jissaħħaħ ir-rwol tal-kultura bħala mutur tal-iżvilupp sostenibbli, inkluż permezz tal-avvanz tal-ħidma lejn dawn l-objettivi fil-MONDIACULT 2029 u l-involviment fi proċessi internazzjonali rilevanti oħra.

[13] Ara, f'dak il-kuntest, il-paragrafu 13 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2026 (EUCO 8/26).

## II. IMPLIMENTAZZJONI U METODI TA' ĦIDMA

Filwaqt li jibni fuq id-Dikjarazzjoni Konġunta "L-Ewropa għall-Kultura - Il-Kultura għall-Ewropa", il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2027-2030 jidentifika l-isfidi komuni tal-Istati Membri fil-qasam tal-politika kulturali u jippermetti l-kooperazzjoni u l-iskambju bejn l-Istati Membri. Dan jinkludi, iżda mhuwiex limitat għal, deskrizzjoni tal-prijoritajiet li għandhom jiġu meqjusa mill-Presidenzi tal-Kunsill u biex jiġu infurmati d-diskussjonijiet fil-livell tal-Kunsill. Il-Pjan ta' Ħidma għandu jiffaċilita l-involviment strutturat u l-kontribut mill-Istati Membri f'azzjonijiet ewlenin deskritti fil-Boxxla Kulturali.

Il-Pjan ta' Ħidma jiddeskrivi temi għad-diskussjoni u d-dibattitu fil-livelli adatti matul il-perjodu kopert, kif ukoll temi ewlenin għal rieżami regolari fil-livell ta' grupp ta' ħidma fil-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali (CAC).

Jiddeskrivi wkoll arranġamenti oħra għal involviment koordinat tal-UE bejn l-uffiċjali u l-esperti, inkluż attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari, eżerċizzji ta' rendikont u l-gruppi tal-MMK.

**Rieżami u flessibbiltà**

Iż-żamma tal-flessibbiltà u l-adattabbiltà fid-dispożizzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura hija essenzjali sabiex twieġeb għall-ħtiġijiet tas-Setturi Kulturali u Kreattivi (SKK) fi klima politika, soċjali u ekonomika diffiċli u li qed tevolvi. Għalhekk, fi tmiem kull triju ta' Presidenzi fil-perjodu ta' żmien ta' dan il-Pjan ta' Ħidma, il-Presidenza attwali ser tiffaċilita diskussjoni fis-CAC biex tipprovdi aġġornamenti informali dwar l-azzjonijiet previsti fil-Pjan ta' Ħidma. Dan ir-rieżami informali ser iħares lejn il-progress miksub, l-impatt tal-azzjonijiet meħuda, u jista' jipproponi aġġustamenti għal azzjonijiet sussegwenti fid-dawl tar-riżultati miksuba u/jew l-iżviluppi ta' politika rilevanti fil-livelli tal-UE jew nazzjonali.

Dan ma jipprekludix Presidenzi oħra milli jiffaċilitaw aktar rieżamijiet informali, kif meqjus xieraq.

**Integrazzjoni**

Aktar koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn il-politika kulturali u fora oħra tal-UE u nazzjonali għat-tfassil tal-politika jibqgħu essenzjali. L-integrazzjoni tal-politika kulturali u l-azzjoni koordinata huma essenzjali biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-kultura biex tixpruna l-progress tas-soċjetà. Għalhekk il-Pjan ta' Ħidma jfittex li jsaħħaħ il-kooperazzjoni u l-apprendiment transsettorjali mal-istituzzjonijiet rilevanti. Dan jinkludi kollaborazzjonijiet fil-livell tal-esperti, interazzjoni aktar mill-qrib bejn diversi korpi preparatorji tal-Kunsill, u ħidma akbar mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

III. AZZJONIJIET

**A. Djalogi ta' politika - Intelliġenza Artifiċjali u s-SKK**

*Objettiv*: l-appoġġ għall-kooperazzjoni politika u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-opportunitajiet u l-isfidi ppreżentati mill-IA, inkluż l-iskambju ta' esperjenzi dwar miżuri nazzjonali, kif ukoll gwida prattika u tisħiħ tal-kapaċitajiet għas-SKK, u l-għoti ta' kontribut għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija futura tal-UE dwar l-IA għas-SKK.

*Raġunijiet ġustifikattivi*: L-IA tippreżenta sfidi u opportunitajiet sinifikanti għas-SKK. Il-kwistjonijiet ewlenin identifikati mill-Istati Membri jinkludu t-taħriġ u l-użu etiċi, sostenibbli, responsabbli u ċċentrati fuq il-bniedem tal-IA; ir-rispett tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati; it-trasparenza fl-użu ta' kontenut protett; l-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol; ir-remunerazzjoni ġusta fis-SKK; id-diversità kulturali u lingwistika; l-impatt tal-IA fuq il-prattika kreattiva, kif ukoll id-data kulturali bħala riżorsa għall-IA u l-innovazzjoni. Filwaqt li xi wħud minn dawn il-kwistjonijiet qed jiġu indirizzati permezz ta' inizjattivi ta' politika oħra, ħafna kwistjonijiet relatati mal-IA għandhom jiġu kkunsidrati fl-istrateġija li jmiss dwar l-IA għas-SKK. Flimkien ma' dan, il-Pjan ta' Ħidma 2027-2030 jipproponi sensiela ta' Djalogi ta' Politika mmirati biex jindirizzaw il-kwistjonijiet differenti u emerġenti relatati mal-IA u s-SKK u biex jappoġġaw il-kreattività, l-innovazzjoni u d-diversità ċċentrati fuq il-bniedem fl-era tal-IA. Minħabba l-pass mgħaġġel tal-iżviluppi fl-IA, djalogi ta' politika flessibbli iżda regolari jistgħu jipprovdu struttura reattiva għal skambji u interventi ffukati u aġli dwar kwistjonijiet topiċi tal-IA matul il-perjodu tal-Pjan ta' Ħidma.

It-tagħlimiet, l-aħjar prattika u r-rakkomandazzjonijiet mid-Djalogi ta' Politika għandhom jinfurmaw id-diskussjonijiet politiċi u tal-esperti. Il-lista sħiħa tas-suġġetti speċifiċi għandha tkun aġli biex tkun tista' twieġeb għal kwistjonijiet emerġenti.

Is-suġġetti indikattivi jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

*1. L-IA u d-diversità kulturali u lingwistika*

*Objettiv*: l-eżami ta' miżuri li jindirizzaw l-impatt tal-IA fuq id-diversità kulturali u lingwistika, il-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali fl-ambjent diġitali, l-aċċessibbiltà u l-iskopribbiltà ta' kontenut Ewropew divers.

*Riżultat mistenni*: suġġerimenti, ideat u rakkomandazzjonijiet dwar kif għandha tiġi protetta u msaħħa d-diversità kulturali online u kif għandha tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-lingwi reġjonali u minoritarji fis-sistemi tal-IA, kif ukoll kwistjonijiet relatati mal-aċċessibbiltà u l-iskopribbiltà ta' kontenut divers. Is-sejbiet għandhom jibnu fuq l-iżvilupp usa' tal-istrateġija tal-IA u tas-SKK u jikkomplementawh, u jikkontribwixxu għad-diskussjonijiet globali li għaddejjin fil-fora internazzjonali tal-politika kulturali, inkluż dawk li saru fil-qafas tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005.

*2. L-IA u l-impjiegi fis-SKK*

*Objettiv*: l-eżami tal-impatt potenzjali fuq l-ispostament u t-trasformazzjoni tal-impjiegi u l-impjiegi fis-SKK, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-remunerazzjoni ġusta, il-kreattività tal-bniedem, il-ħtiġijiet tal-ħiliet, il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu fl-IA.

*Riżultat mistenni*: valutazzjoni bejn il-pari/ġbir ta' evidenza tal-impatt tal-IA fuq is-suq tax-xogħol u kunsiderazzjoni tar-reazzjonijiet ta' politiki emerġenti.

*3. Kwistjonijiet emerġenti oħra tal-IA*

Djalogu/i ta' politika addizzjonali possibbli dwar l-IA u s-SKK jistgħu jservu biex jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet emerġenti oħra, inkluż fir-rigward ta' inizjattivi rilevanti adottati fil-livell nazzjonali, kif ukoll prijoritajiet ewlenin għal azzjoni identifikati fl-Istrateġija tal-UE dwar l-IA għas-SKK. Suġġetti possibbli jistgħu jinkludu:

- l-edukazzjoni, il-ħiliet u t-taħriġ tal-arti fl-era tal-IA;
- risponsi settorjali għall-impatt tal-IA (inkluż l-impatt tal-IA fuq is-settur awdjoviżiv, il-logħob vidjo, il-mużika, id-disinn, il-pubblikazzjoni u s-settur Ewropew tal-kotba, il-libreriji, il-mużewijiet u l-patrimonju kulturali jew oħrajn);
- opportunitajiet u prattiki tajbin fl-użu tal-IA għall-kreattività, il-produzzjoni kulturali, it-tixrid u l-aċċess għall-kultura;
- id-data kulturali bħala riżorsa għall-IA u l-innovazzjoni li tirrifletti l-valuri Ewropej u tippromwovi d-diversità kulturali u lingwistika.

## B. Attivitajiet ta' Tagħlim bejn il-Pari (PLAs) / Workshops

*i) Attivitajiet ta' Tagħlim bejn il-Pari*

Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Ħidma 2023-2026 innota l-interess tal-Istati Membri li jagħmlu użu akbar mill-PLAs. Dawn huma skambji volontarji mmexxija mill-Istati Membri fil-livell tal-esperti, li jipprovdu qafas prattiku għall-pajjiżi parteċipanti biex jaqsmu l-esperjenza, iqabblu l-approċċi ta' politika, u jidentifikaw l-aħjar prattiki. Fejn xieraq, il-PLAs jistgħu jipproduċu rapporti sommarji u rakkomandazzjonijiet prattiċi. Il-PLAs għandhom jibqgħu flessibbli u jirreaġixxu għall-isfidi emerġenti. Dawn jistgħu jkopru:

- *L-istatus tal-artisti u l-professjonisti kulturali*: l-iskambju ta' esperjenzi dwar suġġetti li għandhom impatt fuq is-SKK, bħall-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-remunerazzjoni ġusta, id-differenzi bejn il-ġeneri u fir-rappreżentanza, l-ostakli għall-mobbiltà transfruntiera jew is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-MMK[14].

- *Moda kreattiva*: l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-isfidi strutturali li qed tiffaċċa l-moda kreattiva bħala settur kulturali u kreattiv distint, inkluż it-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà, l-aċċess għall-finanzi, il-ħiliet u t-trażmissjoni tal-artiġjanat.

- *Preservazzjoni fit-tul tal-patrimonju kulturali diġitali*: skambju tal-aħjar prattiki bil-possibbiltà li jiġu żviluppati soluzzjonijiet u għodod komuni għall-preservazzjoni transfruntiera fit-tul ta' diversi forom ta' patrimonju kulturali diġitali fl-UE, inkluż, fost l-oħrajn, il-patrimonju awdjoviżiv, testwali, viżiv u mibni, bl-għan li jissaħħu l-preparatezza u r-reżiljenza, inkluż ir-reżiljenza ċibernetika, fis-SKK.

[14] Il-Grupp tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) tal-esperti tal-Istati Membri dwar "L-istatus u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi" (2023).

- *Aċċess għall-kultura u l-parteċipazzjoni kulturali*: l-iskambju tal-aħjar prattiki għall-appoġġ tal-aċċess għall-kultura u l-patrimonju kulturali u l-parteċipazzjoni fihom, b'mod partikolari għall-gruppi sottorappreżentati, il-persuni b'diżabbiltà, iż-żgħażagħ u l-anzjani, u dawk li jgħixu f'żoni rurali u remoti.

Suġġetti addizzjonali possibbli tal-PLA jistgħu jinkludu l-edukazzjoni dwar il-kultura u l-arti, inkluż l-edukazzjoni dwar il-films; l-artisti f'riskju; ir-reżiljenza demokratika u t-tifkira Ewropea; il-patrimonju ħaj, is-snajja' tradizzjonali u l-patrimonju kulturali intanġibbli; il-libreriji, il-pubblikazzjoni u s-settur Ewropew tal-kotba; id-disinn, l-arkitettura u l-ambjenti tal-għajxien ta' kwalità għolja; is-settur awdjoviżiv u tal-films; is-settur tal-mużika; it-traffikar illeċitu ta' beni kulturali; u l-patrimonju kulturali ta' taħt l-ilma.

*ii) Workshops*

"Workshops" huma skambji mmexxija mill-Kummissjoni li jlaqqgħu flimkien l-Istati Membri, l-esperti u l-partijiet ikkonċernati, fejn xieraq. Il-workshops jistgħu jkopru:

- *Kultura u saħħa*: l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar il-kooperazzjoni li għaddejja bejn is-setturi tal-kultura u tas-saħħa u l-benesseri, inkluż kontributi għal-linji gwida futuri tal-UE dwar il-kultura, is-saħħa u l-benesseri.[15]

[15] Inizjattiva mill-Kummissjoni taħt il-Boxxla Kulturali għall-Ewropa.

## C. Gruppi tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK)

*Objettiv*: il-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni strutturata bejn l-esperti u l-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet prattiċi għat-tfassil tal-politika fil-livell tal-Unjoni u, meta applikabbli, fil-livell nazzjonali.

i) *L-isfruttar tal-finanzjament tal-kultura: l-istimulazzjoni tal-investiment fis-setturi kulturali u kreattivi*

*Raġunijiet ġustifikattivi:* il-finanzjament adegwat għall-kultura huwa kruċjali biex jiġi żgurat settur kulturali aktar b'saħħtu u aktar kompetittiv. Madankollu, il-baġits tal-kultura jinsabu taħt pressjoni kontinwa madwar l-Ewropa.

*Objettiv*: dan il-grupp tal-MMK ser jeżamina l-finanzjament tal-kultura u jfassal rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE dwar kif jista' jiġi stimulat aktar l-użu ta' għodod ta' finanzjament innovattivi, kif jiġu inċentivati u ġestiti sorsi u mekkaniżmi privati, filantropiċi u oħrajn ta' finanzjament u kooperazzjoni, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Dan jinkludi l-eżami ta' kif is-SKK jistgħu jissaħħu billi jinħoloq ambjent abilitanti għal aktar finanzjament, u kif l-istituzzjonijiet u l-professjonisti kulturali jistgħu jimmaniġġaw bl-aħjar mod l-iżvilupp tagħhom u jindirizzaw kwalunkwe riskju relatat. Il-grupp tal-MMK ser iqis ukoll kif il-finanzjament tal-kultura jista' jiġi inkorporat orizzontalment f'diversi strumenti ta' finanzjament, li jippermettu lill-kultura tibbenefika mir-riċerka, l-intraprizà, il-mobbiltà, l-iżvilupp internazzjonali u oħrajn. Il-grupp tal-MMK għandu jlaqqa' flimkien esperti fil-politika kulturali u esperti fil-mekkaniżmi ta' finanzjament pubbliċi u privati. Għandu jqis ukoll il-ħidma emerġenti tal-UNESCO dwar l-iżvilupp ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet għall-finanzjament tal-kultura inkluż permezz tal-istedina lil esperti rilevanti mill-UNESCO biex jipparteċipaw fil-grupp.

Dan il-grupp il-ġdid tal-MMK ser ifittex li jirrieżamina u jibni fuq is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-2015 "*Towards More Efficient Financial Ecosystems: Innovative Instruments to Facilitate Access to Finance for the Cultural and Creative Sectors"*. Ser jibni wkoll fuq it-tagħlimiet u r-riżorsi żviluppati taħt il-proġett Creative FLIP (Finanzi, Tagħlim, Innovazzjoni u Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali għas-Setturi u Industriji Kulturali u Kreattivi).

L-eżerċizzju tal-MMK ser jgħin fit-tiswir tal-"linji gwida ppjanati tal-UE dwar l-investiment strateġiku fil-kultura"[16], u jesplora għodod ta' investiment innovattivi biex jattira kapital privat, inkluż il-filantropija, f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti.

*Riżultati fil-mira:* rapport tal-esperti li jiddeskrivi r-rakkomandazzjonijiet ewlenin għall-integrazzjoni tal-kultura f'mekkaniżmi ta' finanzjament trażversali, u l-iżvilupp ta' ambjent abilitanti għall-finanzjament pubbliku u privat tal-kultura.

*ii) Il-kultura u l-patrimonju fil-preparatezza u r-rispons għall-kriżijiet u d-diżastri*

*Raġunijiet ġustifikattivi:* f'kuntest ġeopolitiku globali dejjem aktar volatili, il-kultura u l-patrimonju spiss ikunu fuq quddiem nett tal-kunflitti u l-instabbiltà. Dawn l-attakki jistgħu jieħdu ħafna forom, inkluż it-tqegħid fil-mira dirett tal-infrastruttura kulturali u tas-siti ta' patrimonju kulturali. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja kontra l-Ukrajna kompliet tenfasizza l-qerda mmirata tal-kultura u l-patrimonju bħala tattika intenzjonata tal-gwerra kulturali, imfassla biex iddgħajjef u teqred l-identità kulturali. Ix-xejra dejjem taggrava ta' eventi ta' temp estrem, inkluż l-għargħar, il-mewġiet ta' sħana u n-nirien fis-selvaġġ, xprunati mill-kriżi klimatika, joħolqu wkoll riskji sinifikanti ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza għall-kultura u għas-siti ta' patrimonju fl-Unjoni kollha u jirrikjedu riflessjoni, analiżi u azzjonijiet konkreti u koordinati ta' preparatezza transsettorjali qabel tali eventi. Barra minn hekk, serq minn mużewijiet u istituzzjonijiet kulturali oħra jikkostitwixxi theddida dejjem akbar għall-integrità tal-patrimonju kulturali f'għadd ta' Stati Membri.

---

**16** Inizjattiva mill-Kummissjoni taħt il-Boxxla Kulturali għall-Ewropa.

*Objettiv:* Mir-rispons tagħha għall-kriżijiet reċenti, l-Ewropa tgħallmet li l-azzjonijiet tal-UE jistgħu jikkomplementaw l-inizjattivi bilaterali meħuda mill-Istati Membri u jistgħu jipprovdu kontribut siewi u mudell għall-preparatezza għall-kriżijiet, il-ġestjoni tar-riskju u r-rispons ta' emerġenza fis-setturi tal-kultura u tal-patrimonju. Il-MMK għandu jqis mekkaniżmi ta' twissija bikrija u ta' rispons immedjat, il-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-kultura u l-patrimonju, u l-aħjar prattiki dwar miżuri ta' sigurtà kontra s-serq minn mużewijiet u istituzzjonijiet kulturali oħra. Inizjattivi bħat-TEA għall-Patrimonju Kulturali fl-Ukrajna, li jirrispondu għall-attakki fuq il-kultura, u l-inklużjoni tal-protezzjoni tal-patrimonju kulturali fl-oqfsa tal-protezzjoni ċivili tal-Unjoni, jipprovdu approċċ li huwa koordinat, effettiv u skalabbli. L-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza tipproponi firxa ta' azzjonijiet li jsegwu approċċ li jkopri l-perikli kollha, is-soċjetà kollha kemm hi, u ta' gvern sħiħ. Filwaqt li jlaqqa' flimkien esperti fil-politika tal-kultura u l-patrimonju u esperti fil-preparatezza u r-rispons għall-kriżijiet u d-diżastri, dan il-MMK ser ifittex li jiddeskrivi rakkomandazzjonijiet għal mudell dinamiku, reattiv u effettiv għall-koordinazzjoni tar-rispons tal-UE għat-theddid għall-patrimonju kulturali kondiviż, filwaqt li jqis ukoll l-oqfsa u l-għodod eżistenti ta' preparatezza u ta' rispons għall-kriżijiet u d-diżastri fil-livell tal-UE. Il-MMK għandu jindirizza l-preparatezza għall-kriżijiet u d-diżastri, il-ġestjoni tar-riskju u r-risponsi ta' emerġenza kemm għall-patrimonju kulturali tanġibbli kif ukoll għal dak intanġibbli, filwaqt li jqis it-teknoloġiji ta' preservazzjoni diġitali, meta applikabbli.

*Riżultati fil-mira:* rapport tal-esperti li jiddeskrivi rakkomandazzjonijiet u għodod ewlenin għall-kriżi tal-patrimonju kulturali u l-preparatezza għad-diżastri u l-ġestjoni tar-riskju biex jiġi żviluppat approċċ aktar strateġiku, rapidu, effettiv u reattiv għas-salvagwardja tal-kultura u tal-patrimonju tanġibbli u intanġibbli.

*iii) Libertà artistika: it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għas-salvagwardja tal-libertà artistika*

*Raġunijiet ġustifikattivi:* minħabba r-rwol tal-kultura u l-arti fiż-żamma tal-valuri Ewropej u r-reżiljenza demokratika, it-tisħiħ tal-libertà artistika huwa ta' importanza partikolari. Il-libertà artistika tippermetti espressjoni ħielsa u pluralistika, djalogu u parteċipazzjoni ċivika. Barra minn hekk, il-libertà artistika ġiet identifikata bħala tħassib ewlieni għall-Pjan ta' Ħidma f'konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati mis-SKK, bl-artisti u l-professjonisti kulturali dejjem aktar soġġetti għal pressjonijiet diretti u indiretti.

*Objettiv*: dan l-eżerċizzju tal-MMK għandu jlaqqa' flimkien esperti fil-politika kulturali, id-drittijiet tal-bniedem jew il-politika tal-ġustizzja f'kooperazzjoni ma' rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, inkluż il-Kunsill tal-Ewropa u l-UNESCO, li diġà jimplimentaw attivitajiet ta' rappurtar u mmappjar u qed jiżviluppaw l-istabbiliment ta' standards ta' politika f'dan il-qasam. Il-MMK għandu jiffaċilita l-iskambju dwar oqfsa, inizjattivi u prattiki tajbin eżistenti fil-livell nazzjonali u multilaterali u jesplora miżuri biex jissalvagwarda l-libertà artistika u jippromwovi ambjenti abilitanti għall-ħolqien artistiku. Il-MMK għandu jeżamina l-approċċi eżistenti għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-libertà artistika fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali u għandu jidentifika lakuni li jxekklu l-iżvilupp ta' risposti ta' politika effettivi għall-protezzjoni tal-libertà artistika. Tali ħidma għandha tfittex li tikkomplementa inizjattivi eżistenti mwettqa mill-Kunsill tal-Ewropa, l-UNESCO, l-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili u d-dinja akkademika u tevita d-duplikazzjoni tagħhom. Il-grupp tal-MMK għandu jqis ukoll kif l-azzjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tal-libertà artistika jistgħu jipprovdu valur miżjud, u jikkontribwixxu għal objettivi usa' tal-politika kulturali, inkluż l-iżvilupp tar-rapporti dwar l-"Istat tal-Kultura"[17].

*Riżultati fil-mira:* rapport ta' esperti li jibni fuq approċċi u oqfsa internazzjonali eżistenti, b'mod partikolari dawk tal-Kunsill tal-Ewropa u l-UNESCO, jiddeskrivi prattiki tajbin u rakkomandazzjonijiet possibbli għat-tisħiħ tal-abbiltajiet u l-kapaċitajiet għas-salvagwardja u t-tisħiħ tal-libertà artistika u jidentifika opportunitajiet għal inizjattivi konġunti futuri mal-Kunsill tal-Ewropa u l-UNESCO.

[17] Inizjattiva mill-Kummissjoni taħt il-Boxxla Kulturali għall-Ewropa.

## D. Networks u skambji ta' esperti

*i) Network taċ-Ċentru tad-Data Kulturali tal-UE*

*Raġunijiet ġustifikattivi:* hija meħtieġa ħidma kontinwa biex jiġu żviluppati kapaċitajiet ta' ġbir, riċerka u monitoraġġ tad-data fil-qasam tal-kultura fl-Unjoni kollha. Id-Dikjarazzjoni Konġunta tistabbilixxi impenn kollettiv biex navvanzaw inizjattivi mmirati għat-titjib tad-disponibbiltà ta' data soda u komparabbli dwar il-kultura biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' politiki kulturali bbażati fuq l-evidenza. F'konformità ma' dan, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tiżviluppa Ċentru tad-Data Kulturali tal-UE.

*Objettiv:* il-forniment ta' forum għall-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jikkondividu l-aħjar prattika, jittestjaw l-ideat u jindirizzaw il-lakuni fil-kejl tas-SKK fil-livell tal-UE, flimkien ma' esperti fil-qasam, biex tinbena koerenza akbar u tiġi allinjata l-ħidma fuq id-data kulturali, kif xieraq. L-attivitajiet tan-network ser ikunu komplementari għall-ħidma eżistenti fuq l-istatistika uffiċjali u għandhom jappoġġaw it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza, inkluż permezz ta' skambju volontarju ta' prattiki dwar metriċi komuni, interoperabbiltà u governanza responsabbli tad-data. L-attivitajiet relatati għandhom jintużaw ukoll fl-iżvilupp taċ-Ċentru tad-Data Kulturali tal-UE. L-objettivi u l-mandat tan-network għandhom jiġu diskussi fis-CAC qabel il-bidu tal-attivitajiet tiegħu.

*Riżultati fil-mira:* network ta' esperti tal-Istati Membri li jaħdmu bilateralment jew multilateralment fuq bażi volontarja u ad hoc dwar il-kejl u l-analiżi tal-kultura u s-SKK.

*ii) Laqgħat tal-Uffiċjali Għolja (SOM) dwar l-ICR*

*Raġunijiet ġustifikattivi*: B'kont meħud tar-rakkomandazzjonijiet tal-grupp tal-MMK dwar il-Governanza tal-ICR, jistgħu jsiru SOMs regolari dwar l-ICR kull sitt xhur bħala prerogattiva tal-Presidenza, fuq bażi volontarja. Alternattivament, kumitat informali ta' appoġġ tal-SOM li jinkludi Stati Membri interessati jista' jgħin biex tiġi żgurata l-kontinwità bejn l-SOMs billi jorganizza laqgħat u jiffaċilita l-ippjanar bil-quddiem ta' suġġetti u aġendi. Dan il-kumitat għandu jinkludi esperti fil-qasam tal-kultura u r-relazzjonijiet esterni mill-Istati Membri interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE, kif rilevanti, kemm mill-kultura kif ukoll mill-affarijiet barranin biex jirriflettu l-qasam ta' politika kondiviż tal-ICR.

*Riżultati fil-mira*: Laqgħat regolari biex jiġu appoġġati l-kontinwità, l-ippjanar strateġiku u l-koordinazzjoni tal-politika għall-ICR.

## E. Segwitu għall-MMK preċedenti

Tagħlima ewlenija meħuda mill-Pjan ta' Ħidma 2023-2026 kienet il-ħtieġa li n-networks żviluppati mill-gruppi tal-MMK ikomplu joperaw lil hinn mir-rapport tal-MMK u li jippermettu l-kontinwazzjoni tal-impenn biex jinkoraġġixxu l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet[18]. Il-Pjan ta' Ħidma 2027-2030 ser ifittex li jiżgura l-kontinwità u t-twettiq taħt fokus tematiku tal-MMK reċenti permezz ta' azzjonijiet inkluż (i) eżerċizzji ta' rendikont possibbli, (ii) skambji informali ta' fehmiet fis-CAC biex jiġu kondiviżi aġġornamenti dwar l-implimentazzjoni nazzjonali u fl-UE kollha tar-rakkomandazzjonijiet; u (iii) l-alimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-eżerċizzji tal-MMK fi proċessi oħra ta' żvilupp ta' politiki.

## F. Preżentazzjonijiet minn mistednin / skambji bil-fomm fis-CAC

*Objettiv*: għal suġġetti relatati mal-kultura li huma indirizzati f'korpi preparatorji oħra tal-Kunsill, jew esternament, il-"preżentazzjonijiet minn mistednin / skambji bil-fomm fis-CAC" jistgħu jipprovdu spazju għall-kondiviżjoni ta' ideat u aġġornamenti dwar kwistjonijiet rilevanti. Lista indikattiva ta' suġġetti tista' tinkludi:

- *Ukrajna: kultura, patrimonju kulturali u rkupru*

Skambji ta' fehmiet fis-CAC dwar it-TEA u miżuri oħra ta' appoġġ biex jiġu vvalutati u identifikati ħtiġijiet u opportunitajiet addizzjonali għall-kooperazzjoni fl-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna fl-oqsma tal-kultura u l-patrimonju.

- *Drittijiet kulturali, demokrazija kulturali u arti soċjalment impenjata: Kondiviżjoni tal-aħjar prattiki*

Diskussjoni fis-CAC b'kontribut mill-partijiet ikkonċernati internazzjonali rilevanti, inkluż ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-Drittijiet Kulturali.

---

**18** Ara r-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026.

- *Il-kompetittività u d-dimensjonijiet kulturali tas-settur Ewropew tal-logħob vidjo*

Skambju ta' fehmiet f'laqgħa konġunta possibbli tas-CAC u l-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv u l-Media.

- *Il-politika tal-arkitettura, ambjent ta' għajxien ta' kwalità għolja għal kulħadd u l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida*

Skambju ta' fehmiet f'laqgħa konġunta possibbli tas-CAC u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent, b'kontribut minn partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, bħan-network tad-Diretturi Ewropej għall-Politiki Arkitettoniċi (EDAP).

- *Drittijiet tal-awtur – preżentazzjoni minn gruppi ta' ħidma oħra*

Skambju ta' fehmiet f'laqgħa konġunta possibbli tas-CAC u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Proprjetà Intellettwali (Drittijiet tal-Awtur).

- *Kultura, storja Ewropea u tifkira*

Skambju ta' fehmiet fis-CAC biex jiġu inklużi l-partijiet ikkonċernati rilevanti fl-affarijiet internazzjonali, il-korpi rilevanti tal-UE, jew oħrajn.

Il-lista ta' hawn fuq ma tipprekludix lill-Presidenzi milli jindirizzaw suġġetti rilevanti oħra, kif meqjus xieraq.

## G. Azzjonijiet oħra

F'konformità mal-Pjanijiet ta' Ħidma preċedenti tal-UE għall-Kultura, il-konferenzi, is-seminars, l-istudji u azzjonijiet oħra ser ikomplu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma u għall-esplorazzjoni ta' temi ta' prijorità.

Filwaqt li tinżamm il-ħtieġa għal flessibbiltà u l-kapaċità ta' rispons taħt dan il-Pjan ta' Ħidma, temi indikattivi għal inizjattivi mmexxija mill-Presidenza, u riżultati possibbli tal-Kunsill jistgħu jinkludu:

- Il-kontribut tal-libreriji u tal-media għar-reżiljenza tas-soċjetà;
- Is-salvagwardja tal-patrimonju kulturali u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu;
- Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali;
- Ħiliet u professjonijiet kulturali fi żminijiet ta' tranżizzjoni;
- Id-Drittijiet tal-Awtur u l-Kultura;
- Patrimonju Kulturali Intanġibbli;
- Ekosistema kulturali b'saħħitha għal soċjetà reżiljenti u sana;
- Ir-rwol tal-kultura fit-tisħiħ tal-benesseri, il-parteċipazzjoni ċivika, u r-reżiljenza tal-komunità;
- Patrimonju kulturali ta' taħt l-ilma;
- Kultura u turiżmu sostenibbli.

**Skeda ta' żmien indikattiva tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2027–2030**

| | 2027 | | 2028 | | 2029 | | 2030 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **S1** | **S2** | **S1** | **S2** | **S1** | **S2** | **S1** | **S2** |
| **A. It-tisħiħ tal-valuri Ewropej, id-drittijiet kulturali u l-libertà artistika** | | | | | | | | |
| **Libertà artistika** | | | MMK | | | | | |
| **Aċċess għall-kultura** | | | PLA (poss.) | | | | | |
| **Libreriji u istituzzjonijiet kulturali** | Konferenza: Libreriji u media għar-reżiljenza tas-soċjetà u l-involviment ċiviku | Konferenza: Libreriji pubbliċi, kultura tal-qari u litteriżmu: Perspettivi Ewropej u inizjattivi Griegi | | | | Rendikont | | |
| **Drittijiet kulturali** | | | | | CAC Preżentazzjoni minn mistednin/skambju orali (*poss.*) | | | |
| **B. L-għoti tas-setgħa lill-artisti u lill-professjonisti kulturali u l-appoġġ lin-nies u lis-soċjetà** | | | | | | | | |
| **Kultura u saħħa** | | Konferenza dwar il-preskrizzjoni kulturali | Workshop (*poss.*) | Konferenza u konklużjonijiet tal-Kunsill (*poss.*) | | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Status u kundizzjonijiet tax-xogħol** | | | | | | | Rendikont (*poss*.) | |
| **Ħiliet u taħriġ** | | | Konferenza: Ħiliet validi għall-futur għal kultura, patrimonju u ekosistemi kreattivi aktar b'saħħithom | | | | | |
| **Benesseri, parteċipazzjoni ċivika, u reżiljenza tal-komunità.** | | | | | | | | Konferenza u konklużjonijiet (*poss.*) |
| **C. Il-kultura, il-kompetittività, ir-reżiljenza, l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà u l-koeżjoni** | | | | | | | | |
| **Finanzjament tal-kultura** | MMK | | Konferenza dwar il-mekkaniżmi ta' finanzjament | | | | | |
| **Preparatezza għall-kriżijiet u għad-diżastri** | | | | MMK | | | | |
| **Data kulturali** | | | Network ta' Esperti | | | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Intelliġenza Artifiċjali** | | Konferenza dwar ir-relazzjoni bejn l-IA, il-PI u l-kundizzjonijiet tal-impjieg fis-settur kulturali<br><br>Konferenza dwar l-użu tal-IA, bl-għan tal-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-patrimonju kulturali | CAC: Preżentazzjoni minn mistednin/skambju orali (IA u Drittijiet tal-Awtur) | Djalogu ta' politika (*poss.*) | | Djalogu ta' politika (*poss.*) | Konferenza u konklużjonijiet tal-Kunsill (*poss.*) | |
| **Patrimonju kulturali u klima** | | Laqgħa ministerjali informali<br><br>Konferenza dwar l-ekonomija blu u l-promozzjoni ta' siti arkeoloġiċi taħt l-ilma | Konferenza dwar il-mużewijiet u l-patrimonju kulturali bħala muturi tal-protezzjoni, ir-riġenerazzjoni u r-reżiljenza | | | | | Rendikont (*poss.*) |
| **Skambji settorjali (awdjoviżwali, mużika)** | | | CAC: Preżentazzjoni minn mistednin/skambju orali (*poss.*)<br>Konferenza dwar il-patrimonju ċinematografiku u l-edukazzjoni dwar il-films | CAC: Preżentazzjoni minn mistednin/skambju orali (*poss.*) | | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Politika tal-arkitettura** | Laqgħa tal-EDAP | Laqgħa tal-EDAP<br>Konferenza Ewropea dwar il-Politiki Arkitettoniċi (ECAP) | Laqgħa tal-EDAP | Laqgħa tal-EDAP<br>Konferenza Ewropea dwar il-Politiki Arkitettoniċi (ECAP) | Laqgħa tal-EDAP<br>CAC: Preżentazzjoni minn mistednin/skambju orali (*poss.*) | Laqgħa tal-EDAP<br>Konferenza Ewropea dwar il-Politiki Arkitettoniċi (ECAP) | Laqgħa tal-EDAP | Laqgħa tal-EDAP<br>Konferenza Ewropea dwar il-Politiki Arkitettoniċi (ECAP) |
| **Kompetittività tas-CCS** | Konferenza: Rikunsiderazzjoni tal-kompetittività tal-UE: kif jikkontribwixxu l-industriji kulturali u kreattivi | | | | | | | |
| **D. Ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali (ICR) u s-sħubijiet** | | | | | | | | |
| **Traffikar illeċitu** | | Konferenza dwar it-traffikar illegali ta' beni kulturali u t-traffikar ta' opri tal-arti ffalsifikati | | | | | | |
| **Ukrajna** | TEA | TEA | TEA | TEA | TEA<br>CAC: Preżentazzjoni minn mistednin/skambju orali (*poss.*) | TEA | TEA | TEA |
| **ICR** | SOM (*poss.*) | SOM (*poss.*) | SOM (*poss.*) | SOM (*poss.*) | SOM (*poss.*) | SOM (*poss.*) | SOM (*poss.*) | SOM (*poss.*) |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Konferenza dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni kulturali fil-Mediterran kollu | | Rendikont (*poss.*) | | | |

**Linji gwida dwar il-metodi ta' ħidma**

Prinċipji ġenerali

- Hemm bżonn li l-azzjonijiet skont il-Pjan ta' Ħidma jiġu implimentati b'mod flessibbli u f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.
- Il-parteċipazzjoni hija volontarja u, fejn rilevanti, ibbażata fuq in-nomini tal-Istat Membru.
- Hemm bżonn li l-azzjonijiet skont il-Pjan ta' Ħidma ma jżidux bla bżonn il-piż amministrattiv għall-Istati Membri, għall-Kummissjoni u għall-partijiet ikkonċernati.
- Il-Kummissjoni tista' tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma billi tipprovdi għarfien espert u, fejn xieraq, appoġġ loġistiku jew finanzjarju.
- Fejn xieraq, ir-riżultati tal-azzjonijiet imwettqa skont il-Pjan ta' Ħidma jistgħu jiġu ppreżentati lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.
- L-azzjonijiet skont il-Pjan ta' Ħidma jistgħu jinfurmaw l-iżvilupp tal-politika u r-rakkomandazzjonijiet futuri.
- Il-Presidenzi, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ifittxu jiżguraw koerenza bejn l-azzjonijiet skont dan il-Pjan ta' Ħidma u inizjattivi rilevanti oħra.
- Fejn rilevanti, wara t-tlestija ta' azzjoni, ser jiġi pprovdut rapport dwar ir-riżultati.

Djalogi ta' politika

- Id-djalogi ta' politika ser jiġu organizzati mill-Kummissjoni, dment li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet baġitarji, għalkemm Stat Membru jew Presidenzi individwali jistgħu jipproponu suġġett ta' attenzjoni partikolari jew jorganizzaw djalogi jew avvenimenti addizzjonali, inkluż fir-rigward ta' inizjattivi rilevanti adottati fil-livell nazzjonali.

- Id-djalogi ta' politika għandhom ilaqqgħu flimkien lil dawk li jfasslu l-politika, l-esperti u, fejn xieraq, il-partijiet ikkonċernati rilevanti.

PLAs/Workshops

- Il-PLAs jinkludu skambji volontarji bejn il-pari mmexxija mill-Istati Membri u jipprovdu format flessibbli għall-Istati Membri biex jikkondividu l-aħjar prattika u esperjenza.

- Stat Membru jew grupp ta' Stati Membri interessati jistgħu, jekk iqisu li dan ikun meħtieġ, jipproponu li jorganizzaw u jiffinanzjaw PLA. Jekk il-kundizzjonijiet baġitarji jiġu sodisfatti, il-Kummissjoni tista' tipprovdi appoġġ finanzjarju.

- Workshops huma skambji mmexxija mill-Kummissjoni li jlaqqgħu flimkien l-Istati Membri, l-esperti u l-partijiet ikkonċernati.

Il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK)

- Il-MMK jipprovdi qafas għall-kooperazzjoni, l-iskambju u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri dwar ċerti suġġetti komuni u jippermetti l-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti.

- Il-mandat tal-MMK ser jiġi ffinalizzat fis-CAC – b'kontribut mill-Gruppi ta' Ħidma rilevanti l-oħra, kif adatt, abbażi ta' abbozz ta' mandat propost mill-Kummissjoni.

- Il-mandat jista' jipproponi li partijiet terzi, inkluż pajjiżi terzi, jiġu mistiedna għal grupp tal-MMK.

- Kull grupp tal-MMK ser ikun responsabbli li jaħtar il-president jew il-kopresidenti fl-ewwel laqgħa tiegħu.

- Skont is-suġġett, il-grupp tal-MMK jista' jiġi mħeġġeġ jifforma gruppi fokali iżgħar u juża metodi parteċipattivi, fejn xieraq.

Networks u Skambji ta'Esperti

- Jistgħu jintużaw networks u skambji ta' esperti meta jkunu meħtieġa kooperazzjoni, kondiviżjoni ta' informazzjoni jew koordinazzjoni kontinwi.

- In-nomina ta' esperti rilevanti għal dawn in-networks u l-iskambji ser isiru mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, kif xieraq.

Segwitu għall-MMK preċedenti

- Fejn xieraq, jistgħu jiġu organizzati eżerċizzji ta' rendikont, skambji ta' fehmiet jew attivitajiet oħra ta' segwitu dwar suġġetti indirizzati fl-MMK skont il-Pjan ta' Ħidma 2023-2026 jew il-Pjanijiet ta' Ħidma preċedenti.

- Dawn l-eżerċizzji għandhom jivvalutaw il-lakuni fl-implimentazzjoni, jidentifikaw ir-responsabbiltajiet ta' segwitu u jistabbilixxu rabtiet mal-iżvilupp futur tal-politika tal-UE u dik nazzjonali.

Preżentazzjonijiet minn mistednin / skambji bil-fomm fis-CAC

- Jistgħu jiġu organizzati preżentazzjonijiet minn mistednin jew skambji bil-fomm fis-CAC biex tiġi ffaċilitata d-diskussjoni ta' kwistjonijiet u żviluppi emerġenti f'oqsma ta' politika relatati mal-kultura.

- Tali skambji jistgħu jinkludu kontributi minn esperti esterni u partijiet ikkonċernati, kif ukoll minn rappreżentanti ta' korpi preparatorji rilevanti oħra tal-Kunsill, f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

Referenzi Politiċi Ewlenin

- Dikjarazzjoni ta' Cáceres (Spanja, 2023)
- Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012)
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Boxxla Kulturali għall-Ewropa (2025) (COM(2025) 785 final)
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar ta' Beni Kulturali (COM(2022) 800)
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat ekonomiku u soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-reġjuni, Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA (COM (2025) 165 final)
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Nagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal innovattiv tal-UE - Pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettwali b'appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE (COM (2020) 760 final)

– Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Aġenda Ġdida Ewropea għall-Kultura (COM(2018) 267 final)

– Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida: Sbuħija, Sostenibbiltà, Flimkien (COM(2021) 573 final)

– Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għal Ewropew għad-Demokrazija (COM (2020) 790 final)

– Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tal-qafas legali għas-servizzi tal-media awdjoviżiva u s-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing (C/2025/2954, 26.5.2025)

– Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar artisti f'riskju u spostati (ĠU C 185/39, 26.5.2023)

– Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Governanza Kulturali (ĠU C 393/8, 19.12.2012)

– Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kultura, l-arkitettura ta' kwalità għolja u l-ambjent mibni bħala elementi ewlenin tal-inizjattiva Bauhaus Ewropea Ġdida (ĠU 2021/C 501 I/03, 13.12.2021)

– Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-setturi kulturali u kreattivi permezz tal-iżvilupp tal-udjenza mmexxi mid-data (C/2024/3542, 31.5.2024)

– Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tad-dimensjoni kulturali u kreattiva fis-settur Ewropew tal-logħob elettroniku (C/2023/1345, 30.11.2023)

– Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-approċċ tal-UE għall-wirt kulturali f'konflitti u kriżijiet, dok. 9837/21

– Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib u t-trawwim tal-aċċess għall-kultura (C/2024/7446, 13.12.2024)

– Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-artisti żgħażagħ u l-professjonisti kulturali u kreattivi biex jibdew il-karrieri tagħhom (C/2025/3165, 4.6.2025)

– Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol strateġiku tal-kultura, il-wirt kulturali u x-xogħlijiet awdjoviżivi biex jinżammu l-valuri Ewropej u r-reżiljenza demokratika (C/2025/6562, 10.12.2025)

– Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Patrimonju Arkeoloġiku tal-Ewropa (riveduta) (Konvenzjoni tal-Belt Valletta, 1992)

– Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Patrimonju Arkitettoniku tal-Ewropa (Konvenzjoni ta' Granada, 1985)

– Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ir-Reati marbutin mal-Proprjetà Kulturali (Nikosija, 2017)

– Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Valur tal-Wirt Kulturali għas-Soċjetà (Konvenzjoni ta' Faro, 2005)

– Konvenzjoni dwar il-Pajsaġġ tal-Kunsill tal-Ewropa (il-Konvenzjoni ta' Firenze, 2000)

– Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026 (ĠU 2022/C 466/01, 7.12.2022)

– Dikjarazzjoni ta' Davos "Lejn Baukultur ta' kwalità għolja għall-Ewropa" (l-Iżvizzera, 2018)

– Strateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Antisemitiżmu u s-Sostenn tal-Ħajja Lhudija 2021 – 2030 (adottata fil-5 ta' Ottubru 2021)

– Studju tal-Kummissjoni Ewropea, 2020, L-istatus u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi, Rapport finali, https://culture.ec.europa.eu/resources/document-library/the-status-and-working-conditions-of-artists-and-cultural-and-creative-professionals-0

– Studju tal-Kummissjoni Ewropea, 2026, Studju dwar l-iskopribbiltà ta' kontenut kulturali Ewropew fl-ambjent diġitali, Rapport Finali, https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/34da2669-32b4-11f1-be39-01aa75ed71a1

– Il-Kummissjoni Ewropea, Rapport dwar il-Protezzjoni Soċjali għall-artisti, Mejju 2025: Tagħlim reċiproku dwar il-protezzjoni soċjali inklużiva għall-artisti u l-ħaddiema kreattivi - il-Kummissjoni Ewropea; https://employment-social-affairs.ec.europa.eu/social-protection-social-inclusion/mutual-learning-inclusive-social-protection-artists-and-creative-workers-2025-05-06_en

– Aġenda Strateġika tal-Kunsill Ewropew 2024-2029 (EUCO 15/24)

– L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, Studju mill-ELA, ippubblikat f'Diċembru 2024: https://www.ela.europa.eu/en/news/creative-sectors-ela-study-reveals-precarious-working-conditions-and-undeclared-labour

– Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Novembru 2023 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas tal-UE għas-sitwazzjoni soċjali u professjonali tal-artisti u tal-ħaddiema fis-setturi kulturali u kreattivi (2023/2051(INL))

– EPRS, studju tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, Qafas tal-UE għas-sitwazzjoni soċjali u professjonali tal-artisti u l-ħaddiema fis-settur kulturali u kreattiv, Novembru 2023 https://www.europarl.europa.eu/thinktank/fr/document/EPRS_STU(2023)747426

– Pjan Strateġiku għall-2030 tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Id-DNA tal-EUIPO, ekosistema tal-PI robusta, inklużiva, diversa u sostenibbli li taħdem għal kulħadd

– Europol (2026), Bidla fit-tattiċi, bidla fil-miri: in-natura li qed tevolvi ta' serq minn ġo mużewijiet, Europol Spotlight Report series, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

– Dikjarazzjoni ta' KwaDukuza tal-G20 (l-Afrika t'Isfel, 2025)

– Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-G20 tal-Ministri għall-Kultura tal-G20 u d-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja tal-G20 (Ruma, 2021)

– Dikjarazzjoni tal-Ministri tal-Kultura tal-G20 ta' Salvador da Bahia (Brażil, 2024)

– Pubblikazzjoni tal-ICOMOS "Prinċipji ta' Kwalità Ewropej għal Interventi Ffinanzjati mill-UE b'Impatt Potenzjali fuq il-Wirt Kulturali: edizzjoni riveduta", Novembru 2020

– Rapport tal-ILO tal-2023: Il-Futur tax-Xogħol fis-Settur tal-Arti u d-Divertiment | Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol; https://www.ilo.org/publications/future-work-arts-and-entertainment-sector

– Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, It-Tarka Ewropea għad-Demokrazija: It-Tisħiħ ta' Demokraziji b'Saħħithom u Reżiljenti (JOIN(2025) 791 final)

– Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza (JOIN(2025) 130 final)

– Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Lejn Strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali (JOIN(2016) 29 final)

– Dikjarazzjoni Konġunta – "L-Ewropa għall-Kultura – Il-Kultura għall-Ewropa", 2026 (ĠU C, C/2026/3440, 25.6.2026)

– MONDIACULT 2025 Impenn tal-Ministru għall-Kultura – Dokument ta' Eżitu (Barċellona, 1 ta' Ottubru 2025)

– Karta ta' Porto Santo – Il-Kultura u l-Promozzjoni tad-Demokrazija: Lejn Ċittadinanza Kulturali Ewropea (2021)

– Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277/1, 27.10.2022)

– Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (ĠU L 2024/1689)

– Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026 (COM(2026) 337 final)

– Rapport tal-Grupp tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) tal-esperti tal-Istati Membri dwar "Culture and Health, Time to Act" (2025) https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/be89805d-9cf8-11f0-97c8-01aa75ed71a1/language-en

– Rapport tal-Grupp tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) tal-esperti tal-Istati Membri dwar "Creative Shifts: Empowering culture for sustainable living" (2025) https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/043230ba-d250-11f0-8da2-01aa75ed71a1

– Rapport tal-Grupp tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) tal-esperti tal-Istati Membri dwar "Strengthening Cultural Heritage Resilience for Climate Change" (2022) https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/4bfcf605-2741-11ed-8fa0-01aa75ed71a1/language-en

– Rapport tal-Grupp tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) tal-esperti tal-Istati Membri dwar "L-istatus u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi" (2023) https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/01fafa79-1a13-11ee-806b-01aa75ed71a1/language-mt

– Rapport tal-Grupp tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) tal-esperti tal-Istati Membri dwar "Strengthening Europe through Public Libraries – How sustained investment in public libraries and their multiple roles delivers social, cultural and democratic returns" (2026) https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/623284d9-8184-11f1-bf5e-01aa75ed71a1/language-en

– Rapport tal-Grupp tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) tal-esperti tal-Istati Membri dwar "Stormy Times – Nature and humans: Cultural Courage for change" (2022) https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/0380f31c-37c9-11ed-9c68-01aa75ed71a1/language-en

– Rapport tal-Grupp tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) tal-esperti tal-Istati Membri dwar "Towards a shared culture of architecture – Investing in a high-quality living environment for everyone" (2021) https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/bd7cba7e-2680-11ec-bd8e-01aa75ed71a1/language-en

– Id-djalogu tas-soċjetà ċivili "Voices of Culture", 2021, https://voicesofculture.eu/2021/07/06/brainstorming-report-status-working-conditions-for-artists-cultural-and-creative-professionals/

– Konvenzjoni ta' The Hague tal-UNESCO tal-1954 għall-Ħarsien tal-Beni Kulturali f'Każ ta' Konflitt Armat

– Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u ta' Prevenzjoni tal-Importazzjoni, tal-Esportazzjoni u tat-Trasferiment Illeċiti tas-Sjieda tal-Proprjetà Kulturali

– Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1972 dwar il-Protezzjoni tal-Patrimonju Dinji Kulturali u Naturali

– Rakkomandazzjoni tal-UNESCO tal-1980 dwar l-Istatus tal-Artist

– UNESCO 1999: It-Tieni Protokoll għall-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1954 għall-Ħarsien tal-Beni Kulturali f'Każ ta' Konflitt Armat

– Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2001 dwar il-Protezzjoni tal-Wirt Kulturali ta' Taħt l-Ilma

– Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2003 għall-Ħarsien tal-Patrimonju Kulturali Intanġibbli

– Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tal-Espressjonijiet Kulturali (inkluż l-adattament tagħha għall-ambjent diġitali l-Linji Gwida Operazzjonali tal-2020)

– Rakkomandazzjoni tal-UNESCO tal-2015 dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-mużewijiet u l-kollezzjonijiet, id-diversità tagħhom u r-rwol tagħhom fis-soċjetà

– Qafas għall-Istatistika Kulturali 2025 tal-Istitut għall-Istatistika tal-UNESCO

– UNESCO It-Tfassil (mill-Ġdid) tal-Politiki għall-Kreattività: naqsmu bejnietna, naġixxu, nibnu (ir-Raba' edizzjoni tal-2026)

– Rakkomandazzjoni tal-UNESCO dwar l-Etika tal-Intelliġenza Artifiċjali (Novembru 2021)

– UNESCO: Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-UNESCO tal-1980 dwar l-Istatus tal-Artist; https://unesdoc.unesco.org/ark:/48223/pf0000387452

– Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (adottata fil-25 ta' Settembru 2015)

– Nazzjonijiet Uniti, Il-Patt għall-Futur (A/RES/79/1 adottat fit-22 ta' Settembru 2024)